Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,524, 20 ta' Novembru, 2020
Taqsima B

A.L. 437 tal-2020

ATT DWAR IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA (KAP. 188)

Regolamenti tal-2020 dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 10(9) u 24 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, il-President ta' Malta għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Taqsima I
Preliminari

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali.

Għan.

2. L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jippreskrivu r-rekwiżiti u jirregolaw l-għoti taċ-ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali fir-Repubblika ta' Malta fuq il-bażi tal-umanità, jew fuq il-bażi ta' interess eċċezzjonali lir-Repubblika ta' Malta, skont l-artikolu 10(9) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija.

Kap. 188.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija;

Kap. 188.

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Community Malta mwaqqfa mill-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija Community Malta;

A.L. 436 tal-2020.

"applikant" tfisser il-persuna li tapplika għal ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti u tinkludi persuna dipendenti jew persuna li tapplika għan-nom ta' persuna oħra;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni magħmula mill-applikant taħt dawn ir-regolamenti;

"Aġent" tfisser aġent liċenzjat u ċċertifikat kif xieraq għall-fini tal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet skont ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi ta' Aġenti;

A.L. 435 tal-2020.

"Bord ta' evalwazzjoni", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord", tfisser il-grupp ta' individwi maħtura skont dawn ir-regolamenti biex jevalwaw applikazzjonijiet magħmula taħt l-artikolu

Verżjoni Elettronika

10(9) tal-Att u biex jipprepara opinjoni raġonata fir-rigward ta' kull applikazzjoni li għandha tiġi riferita lill-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza;

"ċertifikat ta' kondotta tal-pulizija" tfisser ċertifikat ta' kondotta, rapport jew dikjarazzjoni minn awtorità nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, jew awtorità pubblika oħra, inkarigata mir-rekords kriminali, dwar l-istatus ta' rekord kriminali ta' applikant;

"*data* ta' *due diligence*" għandha tfisser kwalunkwe *data* personali li tappartjeni lill-applikant miġbura u pproċessata mill-Aġenzija bħala parti mill-proċess ta' diliġenza dovuta, bl-esklużjoni tad-*data* personali miġbura mill-Aġenzija direttament mingħand l-applikant;

"dipendenti" tfisser il-membri tal-familja ta' dawk l-applikanti li jagħmlu investiment dirett eċċezzjonali skont il-Taqsima IV u taħt l-Ewwel Skeda u għandhom jinkludu:

(a) il-konjuġi tal-applikant fi żwieġ monogamuż jew sieħeb f'relazzjoni oħra li jkollha l-istess status jew xi status simili għal żwieġ monogamuż, inkluża unjoni ċivili, sħubija domestika, żwieġ tal-liġi komuni, sakemm għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, it-terminu "konjuġi" f'dawn ir-regolamenti għandu jitqies bħala newtrali għas-sess, u salv, id-diskrezzjoni tal-Ministru li jawtorizza, u fuq bażi ta' każ b'każ, relazzjonijiet oħra li għandhom status simili bħal dak imsemmi qabel;

(b) tifel/tifla, tal-applikant prinċipali jew tad-dipendenti tiegħu kif definit fil-paragrafu (a) hawn fuq inkluż tifel jew tifla adottata, li jkunu għadhom ma laħqux it-tmintax (18)-il sena fiż-żmien meta l-applikant prinċipali jissottometti applikazzjoni għal ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti u li jkun aċċettat mill-Aġenzija;

(ċ) tifel, tal-applikant prinċipali jew tad-dipendenti tiegħu kif definit fil-paragrafu (a) hawn fuq inkluż wild adottat, li kellu tmintax (18) sena iżda li jkun għadu ma laħaqx disgħa u għoxrin (29) sena, fiż-żmien meta l-applikant prinċipali jissottometti applikazzjoni għaċ-ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti u li tkun aċċettata mill-Aġenzija u li ma jkunx miżżewweġ u juri, għas-sodisfazzjon tal-Ministru, li jkun tmantna kollu kemm hu jew li fil-biċċa l-kbira tiegħu jkun appoġġjat mill-applikant prinċipali;

(d) ġenitur jew nanniet tal-applikant prinċipali jew tad-dipendenti tiegħu kif definit fil-paragrafu (a) aktar 'il fuq li

Verżjoni Elettronika

għalaq ħamsa u ħamsin (55) sena fiż-żmien meta l-applikant prinċipali jissottometti applikazzjoni għaċ-ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti u li jagħti prova għas-sodisfazzjon tal-Ministru li huwa kompletament mantnut jew li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa appoġġat mill-applikant prinċipali;

(e) tifel/tifla, tal-applikant prinċipali jew tad-dipendenti tiegħu kif definit fil-paragrafu (a) hawn fuq, inkluż wild adottat, li fiż-żmien meta l-applikant prinċipali jissottometti applikazzjoni għal ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti għalaq tmintax-il (18) sena, huwa persuna kkwalifikata b'diżabilità kif definit fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità): Kap. 413.

Iżda fejn dawn it-tfal ma jkollhomx kapaċità sħiħa għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21(3) tal-Att;

"formola ta' eliġibbiltà" tfisser il-formola preskritta maħruġa mill-Aġenzija li biha l-applikant ifisser l-intenzjoni tiegħu lill-Ministru li japplika għaċ-ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni permezz ta' kontribuzzjoni eċċezzjonali jew servizzi eċċezzjonali skont il-mertu jew investiment dirett eċċezzjonali;

"investiment dirett eċċezzjonali" tfisser il-ħtieġa ta' investiment fl-ekonomija Maltija kif definit fl-Ewwel Skeda;

"Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju" tfisser ittra maħruġa wara l-approvazzjoni fil-prinċipju tal-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza mill-applikant prinċipali kif provdut fir-regolament 16(7);

"kontribuzzjoni eċċezzjonali" tfisser manifestament superjuri, u tirreferi primarjament għal kontribuzzjonijiet minn xjenzati, riċerkaturi, atleti, nies sportivi, artisti u artisti kulturali;

"kopja ċċertifikata" tfisser fotokopja ta' dokument oriġinali ċċertifikat li jkun kopja vera tal-oriġinal minn avukat, nutar pubbliku, kummissarju b'setgħa li jagħti l-ġuramenti, minn uffiċjal konsulari jew diplomatiku Malti bil-warrant kif xieraq, skont dawk il-linji gwida li l-Aġenzija tista' toħroġ minn żmien għal żmien;

"korp kompetenti nnominat" tfisser l-entità rreġistrata lokalment f'Malta, speċifikata fir-Raba' Skeda li tkun kapaċi tistabbilixxi jekk individwu huwiex rikonoxxut f'qasam partikolari bħala talent ewlieni, jew li jkun wera potenzjal eċċezzjonali u x'aktarx li jsir talent ewlieni;

Verżjoni Elettronika

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għall-Informazzjonu u Protezzjoni tad-*Data* kif definit fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*;

Kap. 586.

"Ministru" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"persuna" tfisser persuna fiżika u fejn applikabbli tfisser persuna ġuridika;

"Regolament" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE;

"servizzi eċċezzjonali skont il-mertu" tfisser servizzi eċċezzjonali għar-Repubblika ta' Malta jew għall-umanità jew li n-naturalizzazzjoni tagħhom hija ta' interess eċċezzjonali għar-Repubblika ta' Malta;

"traduzzjoni awtentikata" tfisser traduzzjoni magħmula minn traduttur rikonoxxut.

Taqsima II
Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-applikazzjonijiet kollha

Amministrazzjoni.

4. L-Aġenzija għandha tipproċessa l-applikazzjonijiet kollha ppreżentati skont dawn ir-regolamenti.

Kwalifiki.

5. (1) Persuna tista' tapplika għal ċertifikat ta' naturalizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti jekk dik il-persuna:

(a) tieħu l-ġurament ta' lealtà lejn ir-Repubblika ta' Malta u li tirrispetta l-Kostituzzjoni ta' Malta;

(b) twiegħed li tippromwovi l-valuri fundamentali u demokratiċi tar-Repubblika ta' Malta;

(ċ) twiegħed li tappoġġja lill-Komunità Maltija fl-ispirtu tal-ġustizzja soċjali u tal-ekwità;

(d) tissodisfa r-rekwiżiti preskritti taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Minbarra l-kwalifiki stabbiliti fir-regolament 5(1), persuna tista' tapplika għal ċertifikat taħt dawn ir-regolamenti jekk dik il-persuna:

(a) tkun tat kontribuzzjoni eċċezzjonali lir-Repubblika

Verżjoni Elettronika

ta' Malta; jew

(b) tkun tat kontribuzzjoni eċċezzjonali lill-umanità; jew

(ċ) tkun ta' interess eċċezzjonali għar-Repubblika ta' Malta; jew

(d) tkun lesta li tikkontribwixxi permezz ta' investiment dirett eċċezzjonali fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-Repubblika ta' Malta.

Persuni li ma jikkwalifikawx biex ikunu naturalizzati għal servizzi eċċezzjonali.

6. (1) Persuna hija skwalifikata milli tapplika għall-għoti ta' ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta ai termini ta' dawn ir-regolamenti jekk:

(a) hija jew kienet akkużata b'reat quddiem Qorti Kriminali Internazzjonali jew ġiet akkużata f'xi ħin quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali, kemm jekk tali persuna nstabet ħatja, iddikjarata innoċenti jew b'xi mod ieħor meħlusa għal kwalunkwe raġuni minn din il-Qorti;

(b) hija jew kwalunkwe mid-dipendenti tagħha, huma elenkati mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol) jew l-Europol;

(ċ) hija jew xi wieħed mid-dipendenti tagħha huwa theddida attwali jew potenzjali għas-sigurtà nazzjonali, għall-ordni pubbliku jew għas-saħħa pubblika ta' Malta;

(d) hija jew xi wieħed mid-dipendenti tagħha, f'xi ħin, ġiet akkużata bi jew instabet ħatja ta' delitti, relatat ma':

(i) it-terroriżmu;

(ii) il-ħasil ta' flus;

(iii) il-finanzjament tat-terroriżmu;

(iv) reati kontra l-umanità;

(v) delitti tal-gwerra;

(vi) reati li jiksru l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif stabbiliti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

(e) hija jew xi wieħed mid-dipendenti tagħha jkun, f'xi ħin, ġiet akkużata jew misjuba ħatja ta' kwalunkwe reat kriminali li jiddisturba l-ordni tajjeb tal-familja, li r-reati

Verżjoni Elettronika

jinkludu, mingħajr limitazzjoni, dan li ġej:

(i) pedofilja;

(ii) korruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-età;

(iii) stupru;

(iv) l-attentat għall-pudur bi vjolenza;

(v) tħajjir ta' persuni taħt l-età għall-prostituzzjoni; u

(vi) serq ta' persuna;

(f) hija jew xi ħadd mid-dipendenti tagħha, f'xi ħin, instabet ħatja ta', jew f'xi ħin matul l-ipproċessar tal-applikazzjoni, tkun ġiet interrogata jew issuspettata, jew għandha akkużi kriminali kontriha għal xi reat kriminali punibbli b'aktar minn sena (1) priġunerija minbarra reat mhux volontarju;

(g) hija jew xi wieħed mid-dipendenti tagħha jkun, jew x'aktarx ikun, involut f'xi attività li tista' tagħti isem ħażin lir-Repubblika ta' Malta;

(h) hija jew xi ħadd mid-dipendenti tagħha ġiet miċħuda viża għal pajjiż li miegħu Malta għandha arranġamenti tal-ivvjaġġar mingħajr viża u ma jkunx kiseb viża minn dak l-istess pajjiż;

(i) hija jew kwalunkwe wieħed mid-dipendenti tagħha huwa msemmi jew elenkat f'sanzjonijiet internazzjonali li japplikaw miżuri restrittivi fuqhom; li l-Aġenzija tkun marbuta bil-liġi, jew għażlet li ssegwi.

Rekwiżiti ġenerali. L.S. 188. 01.

7. (1) L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli preskritti taħt ir-Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza.

(2) It-talbiet u d-dokumenti l-oħra ta' akkumpanjament għandhom jimtlew bil-lingwa Ingliża u, jekk il-lingwa oriġinali ta' dokument ma tkunx l-Ingliż, id-dokument għandu jkun akkumpanjat minn traduzzjoni awtentikata għall-Ingliż.

(3) Il-formoli kollha għandhom ikunu ffirmati mill-applikant.

A.L. 435 tal-2020.

(4) L-applikazzjonijiet kollha għandhom jitressqu mill-applikant permezz ta' liċenzja ta' aġent skont ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi ta' Aġenti:

Verżjoni Elettronika

Iżda applikant għan-naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu jista' jippreżenta l-applikazzjoni direttament mhux permezz ta' Aġent.

(5) L-applikazzjonijiet kollha għandhom jiġu aċċettati u pproċessati biss sakemm il-formoli kollha jimtlew, jiġu ddatati, ikkonfermati b'ġurament u ffirmati, u akkumpanjati mid-dokumenti u d-drittijiet kollha meħtieġa.

(6) L-Aġenzija għandha tiżgura li l-applikazzjonijiet kollha jkunu kompluti u korretti.

(7) Jekk applikant jagħmel dikjarazzjoni falza jew inkella jħalli barra xi informazzjoni materjali, l-applikazzjoni tiegħu tista' tiġi sospiża u/jew ikkunsidrata inammissibbli.

(8) Fejn ikun meħtieġ li dokument jiġi prodott taħt dawn ir-regolamenti b'appoġġ għal applikazzjoni:

(a) dan id-dokument għandu jkun dokument oriġinali jew kopja ċċertifikata; u

(b) il-persuna li tiċċertifika d-dokument għandha tipprovdi l-isem sħiħ, il-kapaċità li fiha l-persuna tkun qed taġixxi, l-indirizz residenzjali jew tan-negozju, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku.

(9) Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għad-dipendenti li huma taħt it-tmintax-il (18) sena:

(a) il-formoli għandhom jiġu ffirmati miż-żewġ ġenituri f'isem id-dipendenti; u

(b) fil-każ fejn ġenitur wieħed ikollu l-kustodja unika ta' dipendenti, jew persuna oħra għandha tutela legali ta' persuna dipendenti, għandha tiġi pprovduta d-dokumentazzjoni legali xierqa biex turi li l-kustodja unika jew it-tutela kienet ingħatat lill-ġenitur jew lill-persuna msemmija, skont kif ikun il-każ, minn qorti tal-liġi jew awtorità rilevanti oħra.

Applikazzjoni għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà.

8. (1) L-applikant prospettiv li jixtieq japplika għall-valutazzjoni tal-eliġibbilità għandu juri l-intenzjoni tiegħu lill-Ministru fuq il-formoli preskritti applikabbli:

Iżda applikant prospettiv li jkollu l-intenzjoni li jressaq applikazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 10 u li jagħmel l-investiment dirett għandu jindika d-dipendenti li se jiġu inklużi fl-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija:

Verżjoni Elettronika

Iżda wkoll id-dipendenti ħlief fil-każ ta' minorenni għandhom juru l-intenzjoni tagħhom fuq il-formoli applikabbli.

(2) Il-formoli għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà għandhom ikunu akkumpanjati mill-oriġinali jew kopji ċċertifikati ta' dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni fuq il-formola maħruġa mill-Aġenzija, mimlija u ċċertifikata kif xieraq mill-Aġent tal-applikant, li l-applikant u d-dipendenti tiegħu huma persuni b'saħħithom u xierqa biex ikollhom ċittadinanza Maltija:

Iżda fil-każ li l-formola tiġi ppreżentata minn applikant għan-naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu jista' jippreżenta l-applikazzjoni direttament mhux permezz ta' Aġent;

(b) dikjarazzjoni fuq il-formola maħruġa mill-Aġenzija, mimlija u ċċertifikata kif suppost minn tabib rikonoxxut, klinika, sptar, istitut mediku jew tas-saħħa jew sistema oħra tal-kura tas-saħħa li tafferma li l-applikant u d-dipendenti tiegħu huma f'saħħithom u mhumiex qed ibatu minn xi mard li jittieħed u x'aktarx li ma jsirux piż fuq is-sistema tas-saħħa pubblika Maltija;

(ċ) ċertifikat jew ċertifikati ta' kondotta nadifa tal-pulizija: l-Aġenzija tista' titlob lill-applikant jipprovdi ċertifikat ta' kondotta nadifa tal-pulizija mill-pajjiżi fejn l-applikant kien residenti għal mill-inqas sitt (6) xhur matul l-aħħar għaxar (10) snin;

(d) kwalunkwe dokument ieħor kif jista' jkun meħtieġ mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

(3) Mal-applikazzjonijiet tiegħu l-applikant għandu jehmeż dikjarazzjoni ġuramentata magħmula quddiem kummissarju b'setgħa li jagħti l-ġuramenti li jafferma li l-informazzjoni pprovduta hija vera u korretta;

(4) L-applikant għandu jħallas id-drittijiet amministrattivi stabbiliti fl-Ewwel Skeda.

(5) L-applikanti għan-naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali b'investiment dirett iħallsu l-miżata ta' *due diligence* mhux rimborżabbli stabbilita fl-Ewwel Skeda.

Valutazzjoni tal-eliġibbiltà.

9. (1) L-Aġenzija għandha, f'isem il-Ministru, tamministra l-proċess ta' diliġenza u verifika tal-eliġibbiltà tal-applikant.

Verżjoni Elettronika

(2) L-Aġenzija għandha twassal biex jitwettqu kontrolli tad-diliġenza dovuta wkoll minn partijiet terzi inklużi fornitur wieħed (1) jew aktar tas-servizzi ta' *due diligence* speċjalizzati rikonoxxuti internazzjonalment, fir-rigward ta' kull applikant. Tali kontrolli ta' *due diligence* għandhom ikunu ta' natura ta' erba' (4) livelli jew aktar, billi l-Aġenzija għandha tiddetermina minn żmien għal żmien u jistgħu jinkludu verifiki ta' sigurtà sabiex jitwettqu minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi skont ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (Ipproċessar ta' *Data* Personali minn Awtoritajiet Kompetenti għall-Finijiet tal-Prevenzjoni, l-Investigazzjoni, is-Sejbien jew il-Prosekuzzjoni ta' Reati Kriminali jew l-Eżekuzzjoni ta' Pieni Kriminali), li jistgħu jużaw l-għodda disponibbli għal tali skopijiet, kif ukoll kull verifika oħra rigward il-ħasil ta' flus u r-riskji ta' finanzjament tat-terroriżmu mill-Awtoritajiet pertinenti li għandom l-awtorità meħtieġa sabiex iwettqu dawn il-kontrolli. L.S. 586. 08.

(3) L-applikant għandu jipprovdi titolu għal proprjetà residenzjali f'Malta, ħlief fil-każ ta' applikant li huwa minorenni jew fil-każ ta' dipendenti fuq applikant li jkun qed jippreżenta applikazzjoni skont it-Taqsima IV jew jekk tkun ingħatat eżenzjoni mill-Ministru skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (4) tar-regolament 11.

(4) Applikant ma jistax japplika għal valutazzjoni tal-eliġibbiltà għall-awtorizzazzjoni biex japplika għal ċertifikat ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali b'investiment dirett, sakemm ma jkollux tmintax-il (18) sena.

(5) L-Aġenzija għandha tiżgura li:

(a) l-informazzjoni rilevanti kollha pprovduta mill-applikant tkun ġiet ivverifikata minn fornitur tas-servizz ta' *due diligence* indipendenti wieħed jew aktar;

(b) l-isfond tal-applikant u tad-dipendenti tiegħu, jekk ikun hemm, ikun ġie vverifikat minn wieħed (1) jew aktar fornituri indipendenti ta' servizzi ta' *due diligence*;

(ċ) l-applikant għandu jehmeż mal-applikazzjoni tiegħu dikjarazzjoni ġuramentata magħmula quddiem kummissarju b'setgħa li jagħti l-ġuramenti, li tiċċertifika li l-informazzjoni li huwa pprovda hija vera u korretta;

(d) is-sors tal-fondi tal-applikant huwa leġittimu b'kont meħud tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tal-leġiżlazzjoni dwar it-terroriżmu u l-linji gwida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti;

Verżjoni Elettronika

(e) ikun ingħata piż xieraq rigward riskji kif stabbilit mill-Aġenzija;

(f) id-*due diligence* u t-tariffi amministrattivi kollha li ma jistgħux jiġu rimborżati saru skont l-Ewwel Skeda.

(6) L-Aġenzija għandha tinforma lill-Ministru bis-sejbiet tagħha għar-reviżjoni u d-deċiżjoni tiegħu.

Id-deċiżjoni tal-Ministru dwar l-eliġibbiltà tal-applikant.

10. (1) Jekk il-Ministru jkun sodisfatt li l-applikant jissodisfa l-kriterji meħtieġa huwa għandu jawtorizza lill-applikant biex jissottometti applikazzjoni għal ċittadinanza Maltija fuq il-formola preskritta.

(2) L-Aġenzija għandha tinnotifika minnufih lill-applikant bil-miktub skont l-istruzzjonijiet tal-Ministru, li l-applikant huwa awtorizzat jissottometti applikazzjoni sħiħa għaċ-ċittadinanza Maltija fuq il-formola preskritta:

Iżda għal dawk l-applikazzjonijiet ippreżentati skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV, in-notifika bil-miktub għandha ssir lill-applikant permezz tal-Aġent tiegħu:

Iżda wkoll l-applikant ma għandux jissottometti l-applikazzjoni għal ċertifikat ta' ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali qabel ma jkun temm il-ħtieġa ta' residenza kif stipulat f'dawn ir-regolamenti.

Taqsima III
Dispożizzjonijiet Speċjali applikabbli għan-naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu

Applikazzjoni.

11. (1) L-Aġenzija għandha twettaq f'isem il-Ministru l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ċertifikat ta' ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu.

(2) Kull applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Ministru permezz tal-Aġenzija.

(3) L-applikanti biss li huma awtorizzati mill-Aġenzija fuq l-istruzzjonijiet tal-Ministru huma eliġibbli biex jissottomettu applikazzjoni sħiħa għal ċertifikat taċ-ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu.

(4) L-applikazzjoni għal ċertifikat ta' ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti oriġinali jew kopji ċċertifikati

Verżjoni Elettronika

ta' dawn li ġejjin:

(a) prova ta' residenza f'Malta għal mill-inqas tmien (8) xhur fil-perjodu li jippreċedi d-data tal-applikazzjoni;

(b) prova tat-titolu ta' proprjetà residenzjali f'Malta, ħlief fil-każ ta' applikant li huwa minorenni:

Iżda meta l-applikant ikun għadu membru tal-familja tiegħu, il-Ministru jista', jekk ikun sodisfatt li l-applikant mhuwiex f'pożizzjoni li jixtri jew jieħu tali proprjetà b'kiri, jirrinunzja għal dan ir-rekwiżit;

(ċ) prova tas-servizzi eċċezzjonali mogħtija lir-Repubblika ta' Malta jew lill-umanità, jew jekk il-pretensjonijiet individwali li n-naturalizzazzjoni tiegħu hija ta' interess eċċezzjonali lir-Repubblika ta' Malta, jipprovdi approvazzjoni mill-korp kompetenti nominat; u

(d) rakkomandazzjoni minn tnejn (2) min-nies li huma kwalifikati biex jaġixxu ta' *sponsors* għall-applikant għal ċertifikat ta' naturalizzazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija għal servizzi eċċezzjonali.

(5) Wara s-sottomissjoni tad-dokumenti kollha mill-applikant, l-Aġenzija għandha:

(a) taġġorna d-*due diligence* tagħha;

(b) titlob lill-applikant biex jipproduċi kwalunkwe dokumentazzjoni u informazzjoni oħra li tista' teħtieġ;

(ċ) titlob lill-applikant iħallas kull dritt amministrattiv applikabbli stabbilit fl-Ewwel Skeda.

(6) l-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Bord bl-applikazzjoni u s-sejbiet tad-*due diligence* u l-proċess ta' verifika tagħha.

Bord ta' Evalwazzjoni.

12. (1) Il-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jevalwa l-applikazzjonijiet magħmula taħt it-Taqsima III u jħejji evalwazzjoni għall-Ministru.

(2) Il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Evalwazzjoni għandha tvarja skont in-natura tal-applikazzjoni li għandha tiġi evalwata, u għandha tinkludi:

(a) President li jinħatar mill-Ministru, li għandu jkun persuna li pprattika l-professjoni ta' avukat għal mill-inqas seba'

Verżjoni Elettronika

(7) snin; u

(b) żewġ (2) membri li għandhom jingħażlu mill-President minn fost il-membri ta' tliet (3) panels li għandhom jiġu maħtura mill-Ministru, liema panels għandhom jinkludu persuni li għandhom l-għarfien tal-isport, il-kultura u l-arti u x-xjenza u r-riċerka, rispettivament.

(3) Il-President u l-membri maħtura tal-panel tal-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jkollhom il-kariga għal perjodu ta' tliet (3) snin u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fl-ittra tal-ħatra tagħhom, u għandhom, meta jiskadi t-terminu tal-kariga tagħhom, ikunu eliġibbli biex jinħatru mill-ġdid.

(4) Il-President u l-membri tal-panel tal-Bord ta' Evalwazzjoni għandhom, qabel ma jibdew iwettqu dmirijiethom, jieħdu ġurament fil-forma stabbilita fir-Raba' Skeda. Dan il-ġurament għandu jittieħed qabel, u għandu jiġi depożitat mal-Avukat Ġenerali.

(5) Meta jseħħ xi post vakanti fil-Bord ta' Evalwazzjoni, il-Ministru għandu, malajr kemm jista' jkun, jaħtar persuna oħra biex timla l-post battal.

(6) Membru tal-Bord ta' Evalwazzjoni jista' jitneħħa mill-kariga mill-Ministru, iżda dan il-membru jista' jitneħħa biss minħabba nuqqas ta' ħila ppruvata li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk jirriżulta minn nuqqas fiżika jew mentali jew kwalunkwe kawża oħra) jew minħabba mġiba ħażina.

(7) Il-President u kwalunkwe membru tal-Bord ta' Evalwazzjoni jistgħu jastjenu f'xi seduta jew jistgħu jiġu kkontestati għal xi waħda mil-kawżi msemmija fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap.12.

(8) Ħlief kif provdut b'mod espliċitu minn dawn ir-regolamenti, il-Bord ta' Evalwazzjoni jista' jagħmel ir-regoli tiegħu stess u b'xi mod ieħor jirregola l-proċedura tiegħu.

(9) Il-Ministru għandu jaħtar Segretarju għall-Bord ta' Evalwazzjoni u dawk l-uffiċjali l-oħra li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien u għandhom jistabbilixxu d-doveri tagħhom.

(10) Il-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jitlob tali parir tekniku kif jidhirlu meħtieġ għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tiegħu.

(11) Kwalunkwe avviż maħruġ mill-Bord għandu jiġi ffirmat mill-President u kontrofirmat mis-Segretarju.

Verżjoni Elettronika

(12) Is-sejbiet tal-Bord ta' Evalwazzjoni għandhom, permezz tal-Aġenzija, jiġu ffirmati mill-President u mis-Segretarju u jintbagħtu lill-Ministru għall-konsiderazzjoni tiegħu.

Proċess ta' evalwazzjoni.

13. (1) Il-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jevalwa l-applikazzjonijiet sottomessi u jħejji rapport ta' evalwazzjoni. Sabiex iwettaq kif xieraq il-kompitu fdat lilu, il-Bord jista' jintervista lill-applikant personalment u, jew lir-rappreżentant legali tal-korp kompetenti maħtur li japprova lill-applikant. Il-Bord ta' Evalwazzjoni għandu jżomm rekord tal-evalwazzjoni tiegħu bil-miktub.

(2) Il-Bord ta' Evalwazzjoni għandu, permezz tal-Aġenzija, jipprovdi lill-Ministru b'opinjoni raġonata li jkun fiha s-sejbiet tal-evalwazzjoni tagħhom.

(3) Il-Ministru għandu jistabbilixxi jekk ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta għandux jingħata lill-applikant u jagħti struzzjonijiet lill-Aġenzija biex tinforma lill-applikant dwar id-deċiżjoni tiegħu:

Iżda jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata permezz ta' Aġent, in-notifika tad-deċiżjoni għandha ssir permezz tal-Aġent tal-applikant.

(4) L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant bil-miktub, skont l-istruzzjonijiet tal-Ministru, li l-applikazzjoni kienet:

(a) approvata; jew

(b) irrifjutata:

Iżda jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata permezz ta' Aġent, in-notifika tad-deċiżjoni għandha ssir permezz tal-Aġent tal-applikant:

Iżda wkoll jekk applikazzjoni tiġi approvata skont il-paragrafu (a), l-Aġenzija għandha toħroġ Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju lill-applikant.

Ġurament ta' lealtà.

14. (1) Jekk il-kondizzjonijiet tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju jkunu ġew sodisfatti, u li l-ħlasijiet kollha jitħallsu, l-Aġenzija għandha tinforma lill-Ministru li r-rekwiżiti kollha għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali skont il-mertu f'isem l-applikant ikunu sodisfatti.

(2) L-applikant għandu jkun meħtieġ li jtemm il-proċess u jieħu l-ġurament ta' lealtà fi żmien sitt (6) xhur mill-approvazzjoni fil-Prinċipju mill-Ministru.

Verżjoni Elettronika

(3) L-Aġenzija tista' tissospendi jew ittemm il-proċess ta' applikazzjoni qabel ma l-applikant jieħu l-ġurament ta' lealtà, jekk jonqos milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha jew jekk il-Ministru ma jibqax sodisfatt li l-applikant jistħoqqlu ċ-ċittadinanza Maltija.

Taqsima IV
Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għan-naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali permezz ta' investiment dirett

Ipproċessar tal-applikazzjonijiet.

15. (1) L-Aġenzija għandha twettaq f'isem il-Ministru l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ċertifikat ta' ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali permezz ta' investiment dirett fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali fir-Repubblika ta' Malta.

(2) Kull applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Ministru permezz tal-Aġenzija.

(3) L-applikanti awtorizzati mill-Aġenzija fuq l-istruzzjonijiet tal-Ministru biss huma eliġibbli biex jissottomettu applikazzjoni sħiħa għal ċertifikat taċ-ċittadinanza skont ir-regolament 10.

Rekwiżiti tal-applikazzjoni.

16. (1) L-applikazzjoni għan-naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali b'investiment dirett għandha tkun akkumpanjata mill-oriġinali jew kopji taċ-ċertifikati li ġejjin:

(a) għall-applikant ewlieni u d-dipendenti li għandhom tmintax (18)-il sena jew aktar, prova ta' residenza f'Malta, għal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar, sakemm dan il-perjodu jista' b'eċċezzjoni jitnaqqas għal minimu ta' tnax-il (12) xahar soġġett għal investiment dirett eċċezzjonali, li għandu jsir qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni, kif provdut fl-Ewwel Skeda;

(b) impenn li jew tixtri, proprjetà immobbli residenzjali f'Malta li jkollha valur minimu ta' seba' mitt elf euro (€700,000) jew li tikri proprjetà immobbli residenzjali f'Malta għal kera annwali minima ta' sittax-il elf euro (€16,000), liema proprjetà għandha tkun adegwata u adatta għall-applikant u d-dipendenti tiegħu, għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin mid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza.

(ċ) impenn li jwettaq investiment dirett eċċezzjonali f'Malta, skont dawn ir-regolamenti;

(d) impenn li jagħti donazzjoni, qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' naturalizzazzjoni, mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) lil organizzazzjoni jew soċjetà mhux governattiva filantropika, kulturali, sportiva, xjentifika, tat-trattament xieraq

Verżjoni Elettronika

tal-annimali jew artistika, li tkun irreġistrata, jew kif approvat mod ieħor mill-Aġenzija.

(2) L-applikant jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma jissottometti l-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza, japplika biex jinkludi mal-applikazzjoni tiegħu dipendenti minuri oħra billi jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, inkluż is-sottomissjoni tal-formola tal-eliġibbiltà u d-drittijiet dovuti.

(3) Id-dipendenti tal-applikant imsemmi fis-subregolamenti (1) u (2) jistgħu jippreżentaw applikazzjoni jekk ikunu ġew awtorizzati jagħmlu dan skont ir-regolament 10.

(4) Wara s-sottomissjoni tad-dokumenti kollha mill-Applikant, l-Aġenzija għandha:

(a) taġġorna d-*due diligence* tagħha;

(b) titlob lill-applikant jipproduċi kwalunkwe dokumentazzjoni u informazzjoni ulterjuri li tista' teħtieġ;

(ċ) titlob lill-applikant iħallas kwalunkwe dritt amministrattiv applikabbli stabbilit fl-Ewwel Skeda.

(5) L-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Ministru bis-sejbiet tagħha.

(6) Il-Ministru għandu jistabbilixxi jekk ċertifikat ta' naturalizzazzjoni bħala ċittadin ta' Malta għandux jingħata lill-applikant u jagħti struzzjonijiet lill-Aġenzija biex permezz tal-Aġent tiegħu tinforma lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu.

(7) L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-Aġent bil-miktub, skont l-istruzzjonijiet tal-Ministru, li l-applikazzjoni kienet:

(a) approvata; jew

(b) irrifjutata:

Iżda fejn applikazzjoni hija approvata skont il-paragrafu (a), l-Aġenzija għandha toħroġ Ittra ta' Approvazzjoni fi prinċipju lill-applikant.

Iżda wkoll fi żmien erba' (4) xhur mill-ħruġ tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju l-applikant għandu jissottometti kopja ċċertifikata tal-kuntratt tax-xiri jew tal-ftehim tal-kera. L-applikant ma jistax jiddisponi mill-proprjetà għal perjodu ta' mill-inqas ħames (5) snin mid-data taċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza iżda jista' jkun awtorizzat

Verżjoni Elettronika

mill-Aġenzija biex jissostitwixxi din il-proprjetà billi jixtri jew jikri proprjetà ekwivalenti oħra. L-Applikant għandu jipprovdi wkoll provi dokumentarji li l-kondizzjonijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti ġew sodisfatti.

Ġurament ta' lealtà.

17. (1) Soġġett li l-kondizzjonijiet tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju jkunu ġew sodisfatti, u li l-investimenti u l-miżati kollha jiġu mħallsa, l-Aġenzija għandha tinforma lill-Ministru li r-rekwiżiti kollha għall-ħruġ ta' ċertifikat ggħal ċittadinanza permezz ta' naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali b'investiment dirett f'isem l-applikant ikunu sodisfatti.

(2) L-applikant għandu jkun meħtieġ li jtemm il-proċess u jieħu l-ġurament ta' lealtà fi żmien sitt (6) xhur mill-approvazzjoni fil-prinċipju mill-Ministru.

(3) L-Aġenzija tista' tissospendi jew ittemm il-proċess ta' applikazzjoni qabel ma l-applikant jieħu l-ġurament ta' lealtà, jekk jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha u l-Ministru ma jibqax sodisfatt li l-applikant jistħoqqlu ċ-ċittadinanza Maltija.

L-ewwel ħames (5) snin.

18. Matul l-ewwel ħames (5) snin mill-għoti taċ-ċertifikat għaċ-ċittadinanza Maltija, l-Aġenzija tista' titlob lill-applikant biex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni u tista' wkoll tintervista lill-applikant.

Għadd massimu ta' ammissjonijiet.

19. In-numru ta' ċertifikati ta' Ċittadinanzi Maltin bin-Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investiment Dirett mogħti, bl-esklużjoni tad-dipendenti, ma għandux jaqbeż l-erba' mija (400) fis-sena, u li fi kwalunkwe każ l-ammont totali akkumulat ta' applikanti magħżula minbarra dipendenti ma għandux jaqbeż l-elf u ħames mija (1,500).

Taqsima V
Dispożizzjonijiet Varji

20. (1) Fejn ikun meħtieġ li jiġi prodott dokument taħt dawn ir-regolamenti flimkien ma' applikazzjoni:

(a) dan id-dokument għandu jkun dokument oriġinali jew, kopja vera ċċertifikata minn avukat, nutar, rappreżentant konsulari jew diplomatiku Malti jew Kummissjunarju b'setgha li jagħti Ġurament;

(b) il-persuna li tiċċertifika d-dokument għandha tipprovdi l-isem sħiħ, il-kapaċità li fiha l-persuna qed taġixxi, l-indirizz residenzjali jew tan-negozju, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika; u

Verżjoni Elettronika

(ċ) kwalunkwe rekwiżit ieħor li l-Aġenzija tista' timponi minn żmien għal żmien.

(2) Fejn avukat, nutar pubbliku jew Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġurament jiċċertifika dokument bħala kopja vera tal-oriġinal, dak id-dokument għandu jiġi awtentikat permezz ta':

(a) ċertifikat tal-legalizazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 li "Tabolixxi r-Rekwiżit ta' Legalizzazzjoni għad-Dokumenti Pubbliċi Barranin", fil-każ ta' ġurisdizzjoni li hija parti f'dik il-Konvenzjoni; jew

(b) validazzjoni taċ-ċertifikat minn avukat, nutar pubbliku jew kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti mid-dipartiment xieraq tal-gvern jew awtorità kompetenti oħra fil-każ ta' ġurisdizzjoni li mhijiex parti f'dik il-Konvenzjoni u validazzjoni taċ-ċertifikat minn rappreżentanza konsulari jew diplomatika Maltija f'każ ta' ġurisdizzjoni li mhijiex parti minn dik il-Konvenzjoni.

Tariffi mhux rimborsabbli u investiment.

21. Il-ħlasijiet ta' *due diligence*, id-drittijiet amministrattivi u kwalunkwe miżata, investiment jew ħlas ieħor impost jew pagabbli skont dawn ir-regolamenti ma jistgħux jiġu rimborżati.

Obbligi kontinwi u formola annwali ta' konformità.

22. (1) L-applikant għandu qabel ma jieħu l-ġurament ta' lealtà jintrabat u jikkonferma li huwa għandu jkompli josserva u jissodisfa l-obbligi kollha f'termini tal-applikazzjoni tiegħu u dawn ir-regolamenti għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin miċ-ċertifikat tan-naturalizzazzjoni.

(2) L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li titlob prova ta' osservazzjoni ta' dawn l-obbligi u li tagħmel il-verifiki tagħha stess.

Linji gwida.

23. L-Aġenzija għandha, minn żmien għal żmien, toħroġ linji gwida proċedurali biex tispeċifika l-aspetti operattivi u l-interpretazzjonijiet skont dawn ir-regolamenti.

Iċ-ċaħda taċ-ċittadinanza.

24. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14 tal-Att, il-Ministru għandu jkollu s-setgħa li jċaħħad persuna minn ċittadinanza Maltija mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, jekk applikant:

(a) jonqos milli jikkonforma ma' kwalunkwe obbligu materjali skont dawn ir-regolamenti; jew

(b) issir theddida għas-sigurtà nazzjonali; jew

Verżjoni Elettronika

(ċ) ikun involut f'aġir li jkun ta' preġudizzju serju għall-interessi tar-Repubblika ta' Malta; jew

(d) fil-każ ta' individwu li kiseb ċittadinanza Maltija skont Taqsima III, l-imsemmi individwu jonqos milli juża l-ħiliet tiegħu għall-benefiċċju tar-Repubblika ta' Malta.

(2) F'każijiet bħal dawn il-proċedura għaċ-ċaħda taċ-ċittadinanza stipulata fl-artikolu 14 tal-Att u fi kwalunkwe regolament magħmul taħt l-Att fir-rigward ta' tali privazzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis*.

Tixrid ta' informazzjoni.

25. L-ebda persuna ma għandha, mingħajr il-kunsens tal-Aġenzija, tirreklama, tippubblika jew b'xi mod ieħor ixxerred il-pubbliċità bi kwalunkwe mezz dwar il-kisba taċ-ċittadinanza permezz tan-naturalizzazzjoni skont dawn ir-regolamenti.

Protezzjoni tad-*Data*.
Kap. 586.

26. (1) Xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jippreġudika l-applikabbiltà tar-regolament u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data*.

(2) Fejn l-Aġenzija fil-kapaċità tagħha ta' kontrollur tad-*data* tipproċessa data personali dwar l-applikant jew il-benefiċjarju u,jew id-dipendenti kif stabbilit taħt dawn ir-regolamenti, hija għandha:

(a) timxi mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament;

(b) tapplika miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta' sigurtà xierqa għar-riskju kkawżat, u jipprevjenu abbuż jew aċċess illegali għal jew għat trasferiment ta' data personali li tappartjeni għall-applikanti jew għall-benefiċjarju, u, jew id-dipendenti.

(3) Il-kontrollur għandu jżomm id-*data* personali tal-benefiċjarju u, jew tad-dipendenti tiegħu sakemm iċ-ċertifikat maħruġ lill-benefiċjarju u d-dipendenti, jekk hemm, skont dawn ir-regolamenti jibqa' validu:

Iżda fejn l-applikazzjoni tiġi rifjutata, jew fejn iċ-ċertifikat jiġi revokat, tali *data* għandha tinżamm għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għal perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tar-rifjut tal-applikazzjoni jew tar-revoka taċ-ċertifikat tiegħu.

(4) Meta l-Aġenzija skont il-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti tipproċessa informazzjoni relatata mal-proċess ta' *due diligence*, l-Aġenzija tista' tirrestrinġi d-drittijiet u l-obbligi provduti

Verżjoni Elettronika

fl-Artikoli 14 sa 20 u l-Artikolu 34 tar-Regolament skont l-Artikolu 23 tar-Regolament:

Iżda tali *data* personali għandha tkun biss ristretta fil-każ li l-Aġenzija tirrifjuta l-applikazzjoni jew tirrevoka ċ-ċertifikat:

Iżda wkoll l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Aġenzija maħtur skont l-Artikolu 37 tar-Regolament għandu jkun ikkonsultat kif xieraq f'waqtu fil-proess kollu tal-applikazzjoni tar-restrizzjoni.

(5) Ir-restrizzjonijiet taħt is-subregolament (4) għandhom japplikaw biss fil-każ li dawn ir-restrizzjonijiet jitqiesu bħala miżura meħtieġa u proporzjonata biex tipproteġi s-sorsi u l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni legalment privileġġata miġbura waqt it-twettiq tal-proċess tad-*due diligence,* u sabiex:

(a) tissalvagwardja l-għanijiet prinċipali ta' interess pubbliku ġenerali tar-Repubblika ta' Malta; jew

(b) tipproteġi s-sigurtà nazzjonali u pubblika u l-obbligi tal-Aġenzija konnessi mal-funzjonijiet tagħha skont dawn ir-regolamenti.

(6) L-Aġenzija għandha tapplika r-restrizzjonijiet msemmija fis-subregolament (4) sakemm ir-raġunijiet li jiġġustifikawhom jibqgħu applikabbli wara test ta' ħtieġa u proporzonalità:

Iżda tali raġunijiet li jiġġustifikaw ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu dokumentati u magħmula disponibbli lill-Kummissarju meta u kif mitlub.

(7) Fejn ir-raġunijiet għal restrizzjoni ma għadhomx japplikaw aktar, l-Aġenzija għandha tneħħi r-restrizzjoni u tinforma kif xieraq lis-suġġett tad-*data* kkonċernat u timxi mad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet provduti fl-Artikoli 14 sa 20 u l-Artikolu 34 tar-Regolament.

(8) L-Aġenzija għandha tirrevedi l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet msemmija f'dan ir-regolament kull sena u skont ir-riżultat tar-reviżjoni tinforma lis-suġġett tad-*data* kif xieraq.

(9) Għas-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data*, il-kondizzjonijiet u s-salvagwardji li ġejjin għandhom japplikaw għal dokumenti, rapporti u *data* personali oħra pproċessata matul il-proċess ta' *due diligence* soġġett għar-restrizzjonijiet f'termini ta' subregolament (4):

(a) l-aċċess għad-*data* dwar id-*due diligence* mill-

Verżjoni Elettronika

awtoritajiet kompetenti għajr l-Aġenzija ma għandux ikun permess sakemm ma jkunx provdut mil-liġi;

(b) l-Aġenzija għandha żżomm prova tal-aċċess għad-dejta dwar id-diliġenza dovuta mill-awtoritajiet kompetenti, li jkun fih mill-inqas id-*data* tal-aċċess, id-dettalji identifikabbli tal-uffiċjal tal-Aġenzija li jkollu aċċess għad-*data*, l-awtorità kompetenti li tkun qiegħda titlob u l-iskop għall-aċċess. Tali rekord ta' verifika għandu jinżamm sakemm id-*data* dwar id-*due diligence* tinħażen f'konformità mar-regolament 20(3);

(ċ) l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Aġenzija għandu jżomm reġistru biex jirreġistra r-restrizzjonijiet applikati fir-rigward tat-talbiet magħmula mill-applikanti. Ir-reġistru għandu jinkludi d-dettalji tal-applikanti, id-dritt mitlub li jiġi eżerċitat li kien ristrett u l-iskop ta' tali restrizzjoni. Ir-restrizzjoni tad-drittijiet skont l-Artikolu 34 tar-Regolament għandha wkoll tiġi rreġistrata fir-reġistru; u

(d) l-applikanti fil-kapaċità tagħhom bħala suġġetti tad-*data* għandhom ikunu infurmati bl-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tagħhom billi jinfurmaw lis-suġġett tad-*data* kkonċernat bi tweġiba għat-talba biex jiġi eżerċitat kwalunkwe wieħed mid-drittijiet li qed jiġu ristretti f'termini ta' dawn ir-regolamenti u bil-pubblikazzjoni tal-informazzjoni,sakemm dan ma jkunx ta' preġudizzju għall-fini tar-restrizzjoni:

Iżda l-Aġenzija tiġġustifika l-preġudizzju mitlub mill-Aġenzija lill-Kummissarju meta u fejn mitlub.

(10) F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, l-Artikolu 4 tar-Regolament għandu japplika *mutatis mutandis*.

Kunfidenzjalità.

27. (1) Ħlief għal qadi xieraq tad-dmirijiet jew funzjonijiet tagħhom skont dawn ir-regolamenti u skont it-termini tal-Att, inkluż għall-finijiet tal-verifiki tad-*due diligence* msemmija fir-regolament 9, jew kif jista' jkun provdut mod ieħor fi kwalunkwe liġi oħra, l-Aġenzija, u l-uffiċjali u l-impjegati tal-Aġenzija, għandhom jittrattaw l-informazzjoni kollha provduta skont dawn ir-regolamenti u f'kull żmien bħala kunfidenzjali u għandhom ikunu użati biss mill-Aġenzija għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jittrattaw kull informazzjoni miksuba skont dawn ir-regolamenti u f'kull żmien bħala kunfidenzjali u għandhom x'jaqsmu biss mill-Aġenzija għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, l-"impjegati" u l-"uffiċjali"

Verżjoni Elettronika

għandhom jinkludu dawk li kienu impjegati u uffiċjali.

(2) Ħadd maħtur jew impjegat mill-Aġenzija fit-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma jkun meħtieġ jipproduċi f'kull qorti, tribunal, bord jew kumitat ta' inkjesta kull dokument jew biex jikxef kull kwistjoni li tiġi avżata taħt id-dmirijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, ħlief kif jista' jkun meħtieġ skont kull liġi applikabbli jew biex iwettaq id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew għal xi reat kontra xi appell li jkun sar jew proċeduri istitwiti skont dawn ir-regolamenti jew skont dawn ir-regolamenti.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti l-oħra ta' dan ir-regolament jew ta' xi liġi oħra, l-Aġenzija għandu jkollha s-setgħa li tipprovdi lill-Kummissarju tat-Taxxi, Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u l-Kummissarju tal-Pulizija dik l-informazzjoni, li hija informazzjoni miksuba mill-Aġenzija għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan ir-regolament, l-Aġenzija tista', skont talba bil-miktub, tiżvela informazzjoni lill-awtoritajiet ta' infurzar lokali jew barranin jew lill-awtoritajiet regolatorji jew lill-aġenziji tal-pulizija, jew netwerk jew raggruppament li jinkludu tali infurzar lokali jew barranin jew awtoritajiet regolatorji jew aġenziji tal-pulizija, jew it-tnejn, għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tat-twettiq ta' atti jew ommissjonijiet li jammontaw għal jew x'aktarx jammontaw għal reat kriminali skont kwalunkwe liġi applikabbli jew għal ksur ta' natura regolatorja, kemm jekk f'Malta u kemm jekk le.

Due diligence għandha tinżamm sigrieta.

28. L-informazzjoni kollha miksuba permezz tal-proċess ta' *due diligence* u s-sorsi tagħha għandha tinżamm sigrieta.

Żvelar protett.

29. Kull persuna tista' tagħmel żvelar protett lill-Aġenzija:

Iżdaa żvelar jitqies li huwa żvelar protett jekk isir *in bona fide*, jekk il-persuna li tagħmel l-iżvelar raġonevolment temmen, fil-waqt li tagħmel l-iżvelar ibbażat fuq l-informazzjoni li għandha f'dak il-mument, li l-informazzjoni żvelata u kwalunkwe allegazzjoni li tinsab fiha jkunu sostanzjalment veri u li l-informazzjoni divulgata għandha t-tendenza li turi prattika mhux xierqa minn applikant prinċipali jew minn kwalunkwe dipendenti u l-iżvelar ma jsirx għal skopijiet ta' qligħ personali:

Iżda wkoll, l-iżvelar għandu isir fuq bażi ta' tixħim, atti ta' korruzzjoni u atti mhux xierqa ta' applikant ewlieni jew ta' dipendenti.

Verżjoni Elettronika

Miżati.

30. (1) Il-miżati stabbiliti fl-Ewwel u t-Tieni Skeda, skont il-każ, għandhom jitħallsu għall-affarijiet speċifikati fihom rispettivament.

Kap. 35.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet għandhom japplikaw għall-miżati mniżżlin fl-Ewwel u t-Tieni Skeda bħala li kieku kienu mniżżlin skont l-imsemmija Ordinanza.

Tħassir u riżervi.
L.S. 188. 03.
L.S. 188. 04.

31. (1) Ir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u r-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali qegħdin b'dan jiġu mħassra:

L.S. 188. 03.

Iżda r-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm l-ammont massimu ta' applikazzjonijiet stabbilit fir-regolament 12 tal-istess regolamenti.

L.S. 188. 03.
L.S. 188. 04.

(2) Applikazzjonijiet għan-naturalizzazzjoni minn applikanti sottomessi f'termini tar-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u r-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali għandhom jibqgħu regolati mir-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u r-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali:

L.S. 188. 03.
L.S. 188. 04.

Iżda kwalunkwe deċiżjoni, azzjoni u notifika li ssir f'termini tar-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u r-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali għandhom jibqgħu validi.

L.S. 188. 03.
L.S. 188. 04.

(3) L-akkwist, iċ-ċaħda jew iż-żamma ta' ċittadinanza Maltija permezz ta' naturalizzazzjoni miksuba f'termini tar-Regolamenti dwar il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta u r-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Ċittadinanza għal Servizzi Eċċezzjonali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti ma għandhom bl-ebda mod jiġu affettwati.

A.L. 435 tal-2020.

(4) Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, kull persuna fiżika jew organizzazzjoni legali rikonoxxuta bil-liġi li diġà qed twettaq is-servizzi ta' aġent approvat għandha tkun obbligata tikkonforma mar- Regolamenti dwar il-Liċenzi ta' Aġenti fi żmien tliet (3) xhur mid-dħul fis-seħħ tagħhom, sakemm il-ħlas tal-miżata tal-liċenzja kif stabbilit fir-regolament 5(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi ta' Aġenti għandu jitħallas mill-Aġent Approvat fid-data tat-tiġdid annwali tiegħu, kull meta dan jista' jsir kull meta dan ikun jista' jiġi mġedded.

Verżjoni Elettronika

L-Ewwel Skeda
Naturalizzazzjoni għal Regolamenti tas-Servizzi Eċċezzjonali, Skeda ta' Ħlasijiet 2020

1. Naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali permezz ta' investiment dirett

Dawn li ġejjin għandhom jikkostitwixxu parti mir-rekwiżiti minimi biex wieħed jikkwalifika għaċ-ċittadinanza skont dawn ir-regolamenti:

(a) applikant: sitt mitt elf euro (€600,000), li minnhom ħlas ta' għaxart elef euro (€10,000) għandhom jitħallsu lill-Aġenzija bħala depożitu mhux rimborżabbli flimkien mal-applikazzjoni ta' residenza 16(1)(a); jekk l-applikant huwa diġà resident ta' Malta, id-depożitu mhux rimborżabbli għandu jitħallas lill-Aġenzija flimkien mal-formola ta' eliġibbiltà.

(i) mingħajr preġudizzju għar-regolament 16 fejn l-applikazzjoni tiġi ppreżentata qabel it-tlestija ta' sitta u tletin (36) xahar ta' residenza: seba' mija u ħamsin elf euro (€750,000), li minnhom ħlas ta' għaxart elef euro (€10,000) għandhom jitħallsu lill-Aġenzija bħala depożitu mhux rimborżabbli flimkien mal-applikazzjoni ta' residenza 16(1)(a); jekk l-applikant huwa diġà resident ta' Malta, id-depożitu mhux rimborżabbli għandu jitħallas lill-Aġenzija flimkien mal-formola ta' eliġibbiltà.

(b) Għal kull dipendenti msemmi fit-tifsira "dipendenti" fir-regolament 2: ħamsin elf euro (€50,000).

2. Skeda ta' Miżati

Il-miżati li ġejjin, eskluż kwalunkwe taxxa, għandhom jitħallsu taħt kull applikazzjoni f'termini tar-regolamenti:

Tariffi ta' *due diligence* applikabbli għall-applikazzjoni tal-eliġibbiltà għal applikanti ta' investiment eċċezzjonali

(a) applikant: ħmistax-il elf euro (€15,000);

(b) għal kull dipendenti msemmi fit-tifsira "dipendenti" fir-regolament 2: Għaxart elef euro (€10,000);

(ċ) għal kull parti terza li tikkontribwixxi finanzjarjament għall-applikazzjoni: ħmistax-il elf euro (€15,000).

Verżjoni Elettronika

(3) It-tariffi amministrattivi dovuti flimkien mal-applikazzjonijiet kollha tal-eliġibbiltà:

Il-miżati li ġejjin huma esklussivi ta' kwalunkwe taxxa:

(a) Tariffa amministrattiva għal kull applikant: elf euro (€1,000);

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti oħra, il-miżati stipulati f'din l-Iskeda għandhom japplikaw għal applikazzjonijiet u għotjiet ta' ċittadinanza taħt dawn ir-Regolamenti u għandhom jinkludu l-miżati l-oħra kollha applikabbli rigward l-applikazzjonijiet għal naturalizzazzjoni u ċertifikati maħruġa taħt dawn ir-regolamenti.

(5) Tariffi amministrattivi dovuti flimkien mal-applikazzjonijiet kollha għaċ-ċittadinanza:

Il-miżati li ġejjin huma esklussivi ta' kwalunkwe taxxa:

Tariffa amministrattiva għal kull applikant: ħames mitt euro (€500);

It-Tieni Skeda
(Regolament 16)

Tista' tinħareġ tariffa ta' ħamest elef euro (€5,000) minbarra kwalunkwe taxxa, fil-każ ta' applikant prospettiv, u elf euro (€1, 000), minbarra kwalunkwe taxxa, għal kull dipendenti, qabel ma jissottometti applikazzjoni skont dawn ir-Regolamenti għal permess ta' residenza sabiex ikun jista' jissodisfa d-dispożizzjonijiet tar-regolament 16.

It-Tielet Skeda
(Regolament 3)

KORP KOMPETENTI MAĦTUR

Fil-każ tal-isport:

L-Assoċjazzjonijiet Nazzjonali Sportivi li huma rreġistrati ma' SportMalta

Verżjoni Elettronika

Fil-każ tal-kultura u l-arti:

The Arts Council Malta jew is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali

Fil-każ tax-xjenza u r-riċerka:

Istituzzjoni rikonoxxuta tal-edukazzjoni terzjarja jew il-Kunsill Nazzjonali għal aktar Edukazzjoni Ogħla jew il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija.

Ir-Raba' Skeda
Il-Ġurament li Għandu Jittieħed mill-President jew minn Membru Tal-Bord ta' Evalwazzjoni

Jiena, ... wara li ngħatajt il-ħatra bħala President/Membru tal-Bord ta' Evalwazzjoni għall-perjodu minn ..... sa ..... solennement naħlef/niddikjara, li nkun tassew fidili, kompletament, b'mod imparzjali u fl-aħjar ħila tiegħi, nwettaq l-qadi tad-dmirijiet li jiddevolu fuqi bis-saħħa tal-ħatra msemmija.

(Hekk Alla jgħini) .....

President/Membru
